MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2010

Citazzjoni Numru. 38/2009

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

1. Illi fis-27 ta’ Awwissu 1988, il-kontendenti ikkontrattaw zwieg bejniethom fis-Santwarju ta’ Santa Tereza, Birkirkara, kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg (Dok. A);

2. Illi ghalkemm jidher li l-istess zwieg kien validu, effettivament l-istess ma kienx.

3. Illi l-kunsens tal-partijiet kien ivvizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghhom, jew b’ anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

4. Illi inoltre l-kunsens tal-konvenuta kien ivvizzjat b’ eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

5. Illi l-esponenti ghandu interess li z-zwieg iccelebrat bejnu u bejn il-konvenuta jigi dikjarat null ghall-effetti kollha tal-ligi u ghalhekk qed isir dan ir-rikors;

6. Illi l-esponent jaf b’ dawn il-fatti personalment.

Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti toghgobha:

Tiddikjara li z-zwieg ikkontrattat bejn il-partijiet huwa null u bla effett ghall-effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenuta eccepiet:

1. Illi hi taqbel illi z-zwieg ikkontrattat mill-kontendenti fis-27 ta’ Awwissu 1988 huwa null u bla effett legali u ghalhekk hi tirrimetti ruhha ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti skond ir-rizultanzi tal-kawza;

2. Illi pero’ m’ ghandhiex tbati l-ispejjez tal-kawza odjerna stante l-fatt li kif ser jirrizulta mill-provi, iz-zwieg kien ivvizzjat minhabba ragunijiiet imputabbli liz-zewg partijiet, u mhux lilha biss;

3. Illi l-esponenti taf dawn il-fatti personalment.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kkuntrattat mal-konvenuta fis-27 ta’ Awwissu 1988, huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [d], u dak tal-konvenuta, fit-termini tal-paragrafu [f] ta’ l-artikolu 19[1] tal-kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Minn naha taghha, il-konvenuta taqbel li z-zwieg huwa null, izda ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta li l-attur, cittadin Malti, izzewweg lill-konvenuta, cittadina Kanadiza, fis-27 ta’ Awwissu 1988 meta allura hu kellu 24 sena u l-konvenuta kellha 21 sena, u wara li kienu ilhom jafu lil xulxin circa sentejn li minnhom ghamlu johorgu flimkien total ta’ sitt xhur.

Illi fit-13 ta’ Frar 1995 twieldet it-tifla tal-partijiet; izda fis-sena 1997, matul il-konvivenza matrimonjali, il-konvenuta dahlet f’ relazzjoni extra matrimonjali ma’ terz ad insaputa ta’ zewgha, u fil-5 ta’ Ottubru 1999 twieled tifel minn din il-relazzjoni.

Illi kif l-attur skopra bir-relazzjoni extra matrimonjali ta’ martu, wara t-twelid tat-tieni wild, huma sseparaw fis-sena 2000.

Illi mill-provi jirrizulta manifest li l-uniku skop li ghalih il-konvenuta dahlet f’ relazzjoni ma’ l-attur kien sabiex dina tkun tista’ tibqa’ tghix f’ Malta. Hija tghid, sostnut mix-xhieda tal-familjari taghha, li kellha fissazzjoni sabiex tghix f’ Malta, peress li ommha kienet ilha timlilha rasha kemm l-istil ta’ hajja f’ Malta kien ahjar minn dak li kellhom il-Canada. Zmien qabel, il-genituri tal-konvenuta kienu emigraw minn Malta lejn il-Canada, izda omm il-konvenuta ma kinitx kuntenta hemm, u kienet dejjem bix-xewqa li tigi Malta. Din ix-xewqa ta’ ommha, li kienet saret ossessjoni, kienet giet trasmessa lill-konvenuta

matul is-snin, u l-istess ommha kienet tinkuraggixxi t-tifla taghha sabiex, meta huma kienu jinzlu Malta ghal vakanza, il-konvenuta tipprova ssib guvni sabiex tizzewgu u tkun tibqa’ tghix f’ Malta.

Di fatti, f’ Awwissu 1986 meta l-konventa kienet qeda Malta, f’ wahda minn dawn il-vakanzi, hi ltaqet ma’ l-attur li minn naha tieghu kien hassu attirat hafna lejn il-konvenuta tant li, meta hu pproponielha zwieg matul l-ewwel tlett gimghat tar-relazzjoni taghhom, hija accetat mill-ewwel. Dak iz-zmien, l-attur kellu 22 sena u il-konvenuta kellha 19-il sena. Sussegwentement huma baqghu f’ kuntatt eletroniku ma’ xulxin.

Illi l-attur jilmenta mill-fatt li matul iz-zwieg, il-konvenuta, allura martu, kienet “egojista u materjalistika hafna. Emozzjonalment kienet superficjali,u ma kinitx kapaci tesprimi l-emozzjonijiet taghha, u anke fl-intimita’ ma tantx kienet kapaci turi mhabba. Kienet aktar interessata li tkun mara tad-dar minn mara mizzewga. Kull darba li kont nipprova nkun intimu maghha, kienet issib xi skuza jew ohra, u rari kienet turi emozzjonijiet fil-konfront tieghi. Id-drabi rari li kien ikollna x’naqsmu sesswalment flimkien [hi] kienet tkun frigida, u donnha qed taghmel facenda. Din il-haga kienet tweggani u tiffrustrani.”[1]

Jghid li kienet tipprokrastina li jkollhom it-tfal, izda fl-ahhar cediet, u fit-13 ta’ Frar 1995 twieldet it-tifla komuni taghhom.

Illi, minn naha taghha, il-konvenuta taccetta bhala veritiera l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-attur. Hija tammetti li kienet l-ossessjoni taghha li tigi tghix f’ Malta li pprevaliet fuqha biex accettat li tizzewweg lill-attur li bil-kemm kienet tafu.

Tghid li wara z-zwieg, “it was not what I had imagined. I couldn’ t get used to Alex’s personality ….. When it came to intimacy part of our marriage, I felt that we were not at all compatible sexually.”[2] “He used to always ask me

[1] Fol.15
[2] Fol.58

when we were going to start a family, but I was always putting this off. Because I never truly loved him. I didn't want to start a family with him." Izda wara sitt snin ta' zwieg, "I finally agreed to start a family" u ddeskriviet it-twelid tat-tifla bhala "a blessed distraction from Alex."

Tghid li zzewget lill-attur "because I was in love with the island, and not with my husband." Ma kinitx kuntenta fiz-zwieg, ghax ma kinitx thobb lill-attur, u meta, fis-sena 1997 iltaqet ma' persuna, kollega taghha fuq x-xoghol, "for whom I instantly felt something special, and I also felt a strong connection with him…. [and] after a year of getting to know each other, our relationship became physical…..I knew I was betraying my husband but at the same time I felt I was cheated from the ideal life I could have had."

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi f' dan il-kaz din il-Qorti tirravviza fil-konfront tal-konvenuta l-caput nullitatis kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat, stante li jirrizulta car li din accettat li tizzewweg ragel ghall-motivi zbaljati, u li kienet inkapaci li tassumi fil-konfront ta' zewgha obbligi essezjonali ghall-hajja konjuali, senjatament dak tal-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku. Hija ma kinitx thobb lil zewgha, bil-konsegwenza li ma setghetx tirrelata mieghu fiz-zwieg, la emozzjonalment u lanqas fizikament. Dan kien jigi rifless principalment fir-relazzjonijiet intimi ta' bejniethom fejn hija kienet tkun riluttanti fl-att konjugali, li allura ma kienx isir ta'spiss. Dan kien ihalli lil zewgha emozzjonalment imdejjaq u frustrat.

Dan in-nuqqas da parti tal-konvenuta kien ta' ostakolu serju fiz-zwieg sabiex hi taghti lilha nnifisha fit-totalita' taghha, u kien impedixxa lill-partijiet li, fiz-zwieg, jibnu komunjoni ta' hajja u ta' imhabba.

Minn naha ta' l-attur, il-Qorti ma tara xejn x' ticcensura, ghajr l-ghaggla tieghu li jipproponu z-zwieg lill-konventa meta ma kienx ghadu jafha sew.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hi tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt skond l-artikolu 19[1][d] tal-Kap.255 u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fis-27 ta' Awwissu 1988.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------